REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1546/2007

ta' l-20 ta' Diċembru 2007

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward ta' miżuri għall-bejgħ ta' krema, butir u butir konċentrat fis-suq Komunitarju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewopea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 15 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1152/2007 li jemenda d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru (KE) 1255/1999 dwar il-ħżin privat ta' butir u krema, notevolment billi titneħħa r-referenza għall-istandards ta' kwalità nazzjonali bħala kriterju ta' eliġibblità għall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir.

(2) Minħabba dawn l-arranġamenti huwa xieraq li l-kriterji ta' eliġibbiltà jiġu alinjati ma' l-iskemi ta' għajnuna għall-bejgħ ta' krema, butir u butir konċentrat stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1898/2005 [2]. B'mod partikolari għandhom jitneħħew ir-referenzi għall-istandard ta' kwalità nazzjonali u jiġu sostitwiti kulfejn meħtieġ bil-kriterji ta' eliġibbiltà tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999. Id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar kontrolli għandhom jiġu adattati skond dan.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 għandu jigi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni ta' l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) jitbiddel b'dan li ġej:

"(a) il-butir magħmul direttament u esklussivament mill-krema ppasturizzata li jkun jilħaq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999";

(2) Fl-Artikolu 45, il-paragrafu 2 għandu jitbiddel b'dan li ġej:

"2. Meta jkunu ġew miżjuda t-traċċjaturi fil-butir jew fil-krema, jew jekk il-butir jew il-krema jkunu ġew inkorporati fil-prodotti finali jew, meta japplika fil-prodotti intermedji, fi Stat Membru ieħor għajr il-pajjiż tal-fabbrikazzjoni, dan il-butir jew din il-krema għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li jiddikjara li:

(a) għal butir, prodott fit-territorju tiegħu f'impriża approvata li tkun soġġetta għal kontrolli li jivverifikaw li l-butir magħmul direttament u esklussivament mill-krema jew mill-ħalib skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6(6) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999;

(b) għal krema, prodotta fit-territorju tiegħu f'impriża approvata li tkun soġġetta għal kontrolli li jivverifikaw li l-krema magħmula direttament u esklussivament mill-ħalib tal-baqra prodott fil-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6(6) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999.

3. Meta l-Istat Membru ta' produzzjoni jkun twettaq kontrolli dwar in-natura u l-kompożizzjoni tal-butir imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament, iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fih ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli u konferma li l-prodott konċernat huwa butir skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999. F'dak il-każ, l-ippakkeġġjar għandu jkun issiġillat permezz ta' tikketta nnumerata maħruġa mill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru ta' produzzjoni. Dan in-numru għandu jitniżżel fuq iċ-ċertifikat."

(3) Fl-Artikolu 72(b), il-punt (i) jitbiddel b'dan li ġej:

"(i) il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999"

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1152/2007 (ĠU L 258, 4.10.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

[2] ĠU L 308, 25.11.2005, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 96/2007 (ĠU L 25, 1.2.2007, p. 6).

(4) Fl-Artikolu 74, il-paragrafu 2 jitbiddel b'dan li ġej:

"2. Fil-każ tal-butir imsemmi fit-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999, l-ammont ta' l-għajnuna stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi mmultiplikat b'0.9756."

(5) Fl-Artikolu 81, il-paragrafu 1 jitbiddel b'dan li ġej:

"1. Il-butir għandu jintbagħat lill-benefiċjarju f'pakketti b'ittri ċari u li ma jitħassrux fuqhom il-marka ta' identifikazzjoni skond l-Artikolu 72(b) u wieħed jew iktar annotazzjonijiet elenkati fl-Anness XVI(1)."

(6) L-Artikolu 82 jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 82*

1 L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri ta' spezzjoni kollha neċessarji biex jiġi żgurat li dan il-Kapitolu ġie ssodisfat. B'mod partikolari kontrolli dwar id-dokumenti kummerċjali u r-rekords ta' l-istokk tal-fornitur għandhom isiru skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89. (*)

Barra minn hekk, l-eliġibbiltà tal-butir għandha tiġi vverifikata billi jsiru analiżi ta' kampjuni fiżiċi aleatorji sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' l-Artikolu 72(b)(i) ta' dan ir-Regolament u biex jivverifikaw li ma fihx xaħam mhux tal-ħalib.

Il-kontrolli għandhom ikunu soġġetti għal rapport ta' spezzjoni li jispeċifika d-data tal-kontroll, it-tul ta' żmien tiegħu u l-operazzjonijiet li twettqu.

2 Meta l-butir jiġi prodott fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru fejn ikun inxtara minn benefiċjarju, il-ħlas ta' l-għajnuna għandu jkun soġġett għal preżentazzjoni ta' ċertifikat mogħti mill-aġenzija kompetenti ta l-Istat Membru tal-produzzjoni.

Dan iċ-ċertifikat għandu jikkonferma li l-butir konċernat ġie prodott f'impriża approvata li tkun soġġetta għal kontrolli li jivverifikaw li l-butir ġie magħmul mill-krema jew mill-ħalib skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6(6) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999.

Meta l-Istat Membru ta' produzzjoni jkun wettaq kontrolli dwar in-natura u l-kompożizzjoni tal-butir imsemmi fl-Artikolu 72(1) ta' dan ir-Regolament, iċ-ċertifikat imsemmi fl-ewwel subparagrafu 2 ta' dan il paragrafu għandu jkun fih ukoll ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli u konferma li l-prodott konċernat huwa butir skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999. F'dak il-każ, l-ippakkeġġjar għandu jkun issiġillat permezz ta' tikketta nnumerata maħruġa mill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru ta' produzzjoni. Dan innumru għandu jitniżżel fuq iċ-ċertifikat.

(*) ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

L-Artikolu 1(3) sa (6) għandu japplika għall-konsenji kollha ta' butir li jsiru abbażi tal-kupun, kif imsemmi fl-Artikolu 75(1) tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005, li jkun validu għax-xahar ta' Jannar 2008 u wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni